# Beati u Qaddisin...Dicembru

**San Giovanni Almond**

**5 TA' DICEMBRU**

Twieled gewwa Allertin (Liverpool) fil-Lancashire go l-Ingilterra lejn is-sena 1576. Huwa kien jiffrekwenta l-iskola ta' Much-Wootton fl-istess kontea. Wara kompla l-istudju tieghu gewwa l-Irlanda u ta' 20 sena dahal fil-kullegg Ingliz gewwa Ruma biex ihejji ruhu ghas-sacerdozju.



Fis-sena 1601 huwa spicca l-istudju tieghu b'disputa pubblika li kienet preseduta mill-kardinali Baronio u Tarugi. F'Novembru tas-sena ta' wara huwa rritorna l-Ingilterra. Il-ligi kienet tghid li huwa projbit li sacerdoti jidhlu gewwa l-Ingilterra. Huwa ghamel dan b'sogru ghal-hajtu. Taht isem fittizju ta' Dumoulin kien jezercita l-appostolat ta' sacerdot sakemm fis-sena 1608 kien mitfuh il-habs, ftit wara mehlus biex mill-gdid fit-22 ta' Marzu tas-sena 1612 gie kalzrat.

Ghadu ezistenti bil-miktub l-interrogatorju li Almond kellu quddiem l-isqof anglikan Dott. J. King. Talbuh biex jiehu gurament ta' sudditanza. Ghal dan wiegeb hekk: Niehu kull gurament ta' sudditanza kemm-il-darba jkollu l-kliem ta' weghda ta' sudditti tajba."
Gablu l-gurament izda huwa warrbu billi dan kien ma kienx jirrifletti ubbidjenza lejn il-Papa. Qatghuhielu ghall-mewt billi dendluh gewwa Tyburn fil-ghodu tal-5 ta' Dicembru tas-sena 1612. Xhud okulari qal li Almond habbat wiccu mal-mewt bil-kuragg kollu. Mill-palk fejn kien

ser jaghlquh Fr. Almond stqarr quddiem kulhadd li l-mewt tieghu kienet moghtija lilu ghax kien kattoliku.

Il-Papa Piju XI fil-15 ta' Dicembru 1929 ibbejatifikah flimkien ma' 55 kattoliku iehor li taw hajjthom ghall-fidi nisranija u kkanonizat fil-25 ta' Ottubru 1970 mill-Papa Pawlu VI.